MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 182/2003

**Avviz numru 182/2003DM**

**Ballut Blocks Services Limited**

**Vs**

**Phillip Petroni**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn tmien mija u tletin Lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm2038.99), liema somma tirrapprezenta prezz ta’ materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta attrici lill-konvenut

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-tmienja (8) ta' Ottubru 2002 u tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment ipprezentat mal-avviz, u bl-imghax legali dekorribbli mit-tmienja (8) ta' Ottubru 2002 sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn tmien mija u tletin Lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm2038.99), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b'effett mit-8 t' Ottubru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------